



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Lulju 2024
(OR. en)

11311/24
ADD 1
LIMITE
PV CONS 33
ENV 671
CLIMA 251

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ambjent)
17 ta' Ġunju 2024

Affarijiet oħra

10. (c) **Termini u kundizzjonijiet tal-irkanti tal-2024 tal-Fond għall-Innovazzjoni f'dak li jirrigwarda l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika (it-tieni ċiklu ta' rkanti H2)** 11103/24
Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka, Pollakka u dik Ungeriża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja, il-Polonja u l-Ungerija, kif ukoll tal-intervent minn delegazzjonijiet oħra.

- (d) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mill-Ungerija

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ungerija.

Dikjarazzjonijiet dwar il-punti "A" mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 10903/24

Dwar il-punt "A"
nru 1:

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada dwar il-parteeipazzjoni tal-Kanada fi programmi tal-Unjoni
Ftehim fil-prinċipju
Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tqis li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tad-9 ta' April 2024 għall-kawża C-551/21, iċċarat il-fatt li l-iżgurar tal-iffirmar tal-ftehimiet internazzjonali barra mill-qasam tal-PESK huwa prerogattiva tal-Kummissjoni f'konformità mat-Trattati. Għalhekk il-Kunsill ma għandux il-kompitu li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet dwar l-iffirmar mill-Kummissjoni tal-ftehimiet internazzjonali barra mill-qasam tal-PESK."

Dwar il-punt "A"
nru 2:

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada dwar il-parteeipazzjoni tal-Kanada fi programmi tal-Unjoni
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tqis li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tad-9 ta' April 2024 għall-kawża C-551/21, iċċarat il-fatt li l-iżgurar tal-iffirmar tal-ftehimiet internazzjonali barra mill-qasam tal-PESK huwa prerogattiva tal-Kummissjoni f'konformità mat-Trattati. Għalhekk il-Kunsill ma għandux il-kompitu li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet dwar l-iffirmar mill-Kummissjoni tal-ftehimiet internazzjonali barra mill-qasam tal-PESK."

Dwar il-punt "A"
nru 7:

Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt: it-triq 'il quddiem fil-Kunsill dwar il-pajjiżi tat-tkabbir
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"L-Awstrija tikkonferma l-qbil tagħha dwar din in-nota. Madankollu, jiddispijaċiha dwar l-inklużjoni tal-aħħar sentenza tal-paragrafu 9 ta' din in-nota ("Barra minn hekk, stedina bħal din hija strettament relatata mal-qasam tal-istat tad-dritt u mhux ser tiġi replikata f'oqsma jew konfigurazzjonijiet oħra tal-Kunsill."). L-Awstrija tixtieq tenfasizza l-fehma tagħha li anke l-aħħar parti tas-sentenza tirreferi esklużivament għall-qasam tal-istat tad-dritt. F'dan il-kuntest l-Awstrija tixtieq tfakkar fl-importanza tal-kunċett ta' integrazzjoni gradwali kif ikkonfermat l-aktar reċentement mill-Kunsill fil-paragrafu 14 tal-konklużjonijiet tiegħu dwar it-Tkabbir kif approvati mill-Kunsill fit-12 ta' Diċembru 2023 u tixtieq tafferma mill-ġdid li l-qbil tagħha ma' din in-nota bl-ebda mod ma jindika xi bidla fil-pożizzjoni ġenerali tagħna rigward l-integrazzjoni gradwali."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' April 2024 fil-Kawża C-551/21, il-Kummissjoni vs il-Kunsill ("is-sentenza Gabon"), bħala kwistjoni ta' liġi primarja, huwa fidejn il-Kummissjoni li tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar ta' żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali ("il-Ftehim BBNJ"). Għalhekk, l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim BBNJ, li jagħti s-setgħa lill-President tal-Kunsill biex jaħtar il-persuna/i bis-setgħa li tiddepożita/jiddepożitaw, fisem l-Unjoni, l-istrument ta' approvazzjoni, mhuwiex f'konformità mat-Trattati kif interpretati mill-Qorti.

Madankollu, peress li l-Kunsill kien baġat l-abbozz tad-deċiżjoni f'dan il-fajl lill-Parlament għall-approvazzjoni qabel ma l-Qorti tagħti s-sentenza biex tiġi żgurata l-adozzjoni f'waqtha tagħha qabel tmiem id-disa' leġislatura, il-Kummissjoni mhux ser tostakola l-adozzjoni tagħha b'maġġoranza kwalifikata. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tilqa' l-assigurazzjonijiet tal-Kunsill li, f'konformità mas-sentenza Gabon, il-Kummissjoni ser tinħatar biex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim BBNJ. Il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li d-Deċiżjonijiet futuri kollha tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, li għalihom il-Kunsill kien għadu ma talabx l-approvazzjoni tal-Parlament fid-data tas-sentenza, ikunu kompletament konformi mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija hawn fuq."